MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 636/2003

**Henrik Piski**

**vs**

**Carmel Vella Clarke**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fit-23 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li l-konvenut ihallsu s-somma ta' hames mija u hamsin lira (Lm550) rapprezentanti danni minnu sofferti b'konsegwenza tal-fatt illi l-istess attur hallas lill-konvenut din is-somma ta' hames mitt mija u hamsin lira (Lm550) bhala prezz ghall-vettura targata FAE 743, il-licenzja ta' liema vettura ma setghetx tigi mgedda stante illi l-'engine number' ma jikkonformax ma' dak indikat fuq il-log book liema fatt il-konvenut seta' mill-konoxxenza tal-attur fil-mument illi fih gie milhuq il-bejgh.**

**Ghal kull buon fini l-attur jiddikjara illi huwa ddepozita l-vettura 'de quo equiter' taht l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' cedola ta' depozitu bin-numru 2139/2003.**

**Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data tal-pagament sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-6 ta' Mejju, 2003, fejn intqal:**

**1. Illi din it-talba hija wahda preskritta u dan ai termini ta' l-Artikolu 1431(1) u Artikolu 1431(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**2. Illi in oltre t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-vettura de quo baqghet tintuza mill-attur sa zmien ricenti u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.**

**3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmel Vella Clarke u Henrik Piski. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi din il-kawza qed issir ghad-danni peress illi l-attur ighid li ma setax igedded il-licenzja tal-vettura FAE 743 ghaliex l-*engine number* ma kienx jikkonforma ma' dak fuq il-*log book*.**

**2. L-attur xtara l-vettura f'Settembru 1999 ghal prezz ta' hames mija u hamsin lira (Lm550) u l-problema nqalghet fis-sena 2001 minhabba t-test tal-VRT .**

**3. Jirrizulta illi l-ahhar darba li uza l-karozza l-attur kien f'Dicembru 2002.**

**4. Fi zmien li l-attur xtara l-vettura sar it-transfer kif rikjest mill-ligi.**

**5. Jirrizulta wkoll illi l-problema li kellu l-attur ma kienetx haga li ma setghetx tigi risolta, apparti illi ma rrizultax illi l-konvenut kien jaf biha. Fil-fatt il-konvenut kien xtara l-vettura minghand certu George**

**Debattista u meta nqalghet il-problema l-istess konvenut informa lil Debattista li ssuggerielu li l-konvenut jikkuntatjah u jmorru l-licensing office biex jirrangawha.**
**6. Ghaldaqstant il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikoli 1431(1) u 1431(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li hija l-preskrizzjoni ghall-azzjoni re-dibitorja u l-azzjoni stimatorja.**
**7. Fil-fatt dak li qed jitlob l-attur huwa r-rifuzjoni tas-somma ntiera tal-bejgh, velata taht il-kap ta' danni. Jigi rilevat li l-fatt li gie allegat li l-konvenut habba lill-attur kwalita' tal-vettura fil-mument tal-bejgh, necessarjament jimporta talba ghal annullament ta' l-istess bejgh. Ghalhekk dak li qed jigi ndagat huwa l-bejgh inniffsu u fl-ipotesi li t-Tribunal jilqa' t-talba attrici, tali jrid necessarjament jiddikjara illi l-bejgh kien**
**null, haga li tezorbita l-kompetenza ta' dan it-Tribunal.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddikjara ruhu mhux kompetenti sabiex jiehu konjizzjoni tat-talba attrici u konsegwentement jichad it-talba.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------